*l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta bl-ebda mod ma jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 69 (2) u tal-artikolu 70Ċ (3) tal-liġi speċjali, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jitqies li huwa null –li kieku l-Qorti kellha taċċetta aggravju fuq punti ta' fatt, tkun qiegħda teżorbita mill-kompetenza tagħha, u tkun qiegħda timmina r-*raison d'être *tal-proċeduri arbitrali bħala mezz alternattiv għar-risolviment ta' tilwim*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 20/2020 LM

**Schembri Barbros Limited (C 9577)**
*("is-soċjetà appellanta")*

***vs.***

**Malta Industrial Parks Limited, illum jisimha INDIS Malta Limited**[1]
*("l-soċjetà appellata")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Schembri Barbros Limited (C 9577)**, hawnhekk "is-soċjetà appellanta", minn lodo tat-**Tribunal tal-**

[1] Żieda awtorizzata b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2020.

**Arbitraġġ** fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tal-4 ta' Mejju, 2020 (minn issa 'l quddiem "il-lodo appellat"), li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu milqugħa, u li għalhekk din għandha tiġi kkumpensata mis-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellata", **INDIS Malta Limited**, għaż-żieda fil-prezz tal-asfalt u tal-ħadid. It-Tribunal kkonċeda lill-partijiet żmien ta' xahrejn min-notifika tal-lodo arbitrali sabiex jaslu għal ftehim dwar somma flus li għandha titħallas lis-soċjetà rikorrenti bħala kumpens. Is-soċjetà rikorrenti għamlitha ċara li filwaqt li taqbel mas-sejbien u r-raġunament tat-Tribunal, l-effetti ta' dan l-appell huma limitati għall-parti tad-deċiżjoni li tispeċifika kif għandha ssir il-kwantifikazzjoni tal-kumpens dovut lilha.

## <u>Fatti</u>

2. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal in segwitu għal kuntratt ta' xogħol li ġie aġġudikat favur tagħha f'Ġunju tal-2010, wara l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti mis-soċjetà intimata għal dan l-iskop. Il-kuntratt kien magħruf bħala "*Framework Agreement – Embellishment, Improvements and Ugrading of Infrastructure and Other Services at Various Industrial Estates in Malta and Gozo – Improvements to Ħal Far Industrial Estates – Phase 2",* u minkejja li l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti saret f'Ġunju tal-2010, l-ordni sabiex jinbdew ix-xogħlijiet kienet ingħatat fit-2 ta' Settembru, 2011. Is-soċjetà rikorrenti ilmentat għaliex dan id-dewmien bejn l-aġġudikazzjoni tal-kuntratt u d-data meta hija ġiet awtorizzata tibda x-xogħol fuq dan il-proġett, fisser li

diversi oġġetti li kellha tuża fl-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt, żdiedu fil-prezz, partikolarment l-azzar u l-*bitumen,* li huwa wieħed mill-komponenti li jintuża fl-asfalt. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li filwaqt li hija ma kinitx mistennija li tvarja l-prezzijiet mitluba minnha waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, id-dewmien fiż-żmien meta hija ġiet awtorizzata tibda x-xogħol, fisser żieda fl-ispejjeż għaliha. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija ppruvat tilħaq ftehim amikevoli mas-soċjetà intimata f'dan ir-rigward, iżda ma ntlaħaqx ftehim.

## Mertu

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija istitwiet dawn il-proċeduri sabiex titħallas taż-żieda fl-ispejjeż li ġarrbet waqt l-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' xogħol. Ir-rikorrenti qalet li l-ammont involut jammonta għal tliet mija u tlieta u għoxrin elf, ħames mija u sebgħa u ħamsin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€323,557.98). Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-estensjoni ta' żmien jew it-tibdil fil-perijodu li fih kellu jiġi eżegwit il-kuntratt, bl-ebda mod m'għandu jiġi attribwit lilha, u għalhekk talbet lit-Tribunal jordna li hija għandha tiġi kkumpensata għaż-żidiet fl-ispejjeż ta' oġġetti li kienu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Hija talbet lit-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lilha fl-ammont ta' €323,557.98, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali dovuta fuq dan l-ammont.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li dan il-kuntratt – CT2597/2009 – *Framework Contract for the Embellishment, Improvements and Upgrading of Infrastructure and other services at various Industrial Estates in Malta and Gozo;*

*Improvements to Ħal Far Industrial Estate Phase 2,* ingħata wara sejħa pubblika għall-offerti, u l-kuntratt ġie ffirmat bejn is-soċjetà rikorrenti u d-Dipartiment tal-Kuntratti, u għalhekk il-proċeduri odjerni kellhom jinġiebu kontra d-Direttur tal-Kuntratti. Din l-eċċezzjoni sussegwentement ġiet irtirata mis-soċjetà intimata permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet imressqa minnha. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li l-kuntratt jagħmilha ċara li l-prezzijiet ikkwotati mill-kuntrattur u li jiffurmaw parti mill-kuntratt, huma fissi u ma jistgħux jiġu riveduti jew miżjuda, u f'dan il-każ is-soċjetà rikorrenti ma fittxitx li tittermina l-kuntratt jew li b'xi mod toħroġ minnu minħabba fid-dewmien biex jinbdew ix-xogħlijiet. Is-soċjetà intimata spjegat li s-soċjetà rikorrenti tilfet ir-rimedju li kien disponibbli għaliha permezz tal-Klawsola 31.2 tal-Kuntratt, u għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda mit-Tribunal. L-intimata żiedet tgħid li mingħajr preġudizzju għal dan, *ai termini* tal-Klawsola 46 tal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-Kuntratt, il-prezzijiet ikkwotati mill-Kuntrattur u li jiffurmaw parti mill-kuntratt, huma fissi u mhumiex suġġetti għar-reviżjoni jew għal xi żieda. Qalet ukoll li s-soċjetà rikorrenti għandha tinżamm responsabbli għaż-żieda fl-ispejjeż u t-tibdil li sar matul il-perijodu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, liema spejjeż kienu prevedibbli u kellhom jittieħdu inkonsiderazzjoni mir-rikorrenti fl-istadju tas-sejħa għall-offerti. L-intimata qalet ukoll li s-somma pretiża mir-rikorrenti hija esaġerata, u f'kull każ għandha tiġi sostanzjata minn dokumenti u minn provi oħra, liema provi ma ġewx sottomessi mis-soċjetà rikorrenti flimkien mat-talbiet tagħha. In vista ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-intimata talbet lit-Tribunal jirrifjuta t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti.

5. It-Tribunal sema' diversi xhieda u ġew ippreżentati quddiemu diversi dokumenti. **Francis Attard** xehed li huwa kien direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti fiż-żmien meta ġie ffirmat il-kuntratt, u f'dan il-każ il-*contracting authority* kienet il-Malta Industrial Parks Ltd. **Il-Perit Jesmond Mugliett** xehed li huwa kien il-perit inkarigat mis-soċjetà rikorrenti sabiex jipprepara d-dokumentazzjoni relatata mas-sejħa għall-offerti inkwistjoni. Spjega li f'dan il-każ '*framework tender*' ifisser li Malta Industrial Parks Limited (minn issa 'l quddiem "MIP") m'għażlitx kuntrattur wieħed biss iżda kien hemm numru ta' kuntratturi li ntgħażlu sabiex jaħdmu fuq fażijiet differenti ta' dan il-proġett. Qal li t-*tender* ma kienx aġġudikat abbażi tal-prezzijiet ikkwotati mill-applikanti, għaliex dawn kienu stabbiliti minn Malta Industrial Parks Limited *a priori,* iżda l-aġġudikazzjoni saret abbażi tal-programm tax-xogħol u l-ippjanar tax-xogħol propost mill-applikanti. Ix-xhud spjega li s-soċjetà rikorrenti kienet waħda minn għaxar kuntratturi li saret l-aġġudikazzjoni favur tagħhom, u qal li meta beda x-xogħol huwa baqa' jsegwi x-xogħol li sar għan-nom tal-kuntrattur. Qal li da parti tas-soċjetà rikorrenti ma kien hemm l-ebda dewmien, tant hu hekk li l-ebda penali ma ġew imposti fuqha, u s-soċjetà rikorrenti kienet disposta li tibda x-xogħol mitlub minnha fiż-żmien meta saret l-aġġudikazzjoni. Ix-xhud qal li fost id-diffikultajiet li kien hemm biex il-proġett jitlesta fiż-żmien, kien hemm il-fatt li ma sar l-ebda ippjanar għal sistema fejn kellu jmur l-ilma tax-xita minn qabel inbdew ix-xogħlijiet, u meta nġibdet l-attenzjoni ta' Malta Industrial Parks Limited għal dan, għadda ħafna żmien sakemm il-periti tagħha sabu soluzzjoni għal din il-problema. Qal li problema oħra kienet tinvolvi r-rilokazzjoni ta' numru ta' servizzi miż-żona li fiha kellu jsir ix-xogħol, u għalhekk kellhom jitħaffru trinek ġodda u jsir xogħol li ma kienx maħsub fiż-żmien li saret l-aġġudikazzjoni. Ix-

xhud spjega li f'dan il-każ, li kieku x-xogħol beda f'Ġunju tal-2010 u tlesta sa Marzu ta' wara (2011), kif kien proġettat li jdum, kien ikun hemm perijodu ta' żmien qasir li fih ċerti materjali li ntużaw fil-proġett raw żieda fil-prezz. Qal iżda li l-fatt li s-soċjetà rikorrenti damet madwar sentejn ma ngħatat l-awtorizzazzjoni biex tibda x-xogħol, u mbagħad damet sentejn biex lestiet minflok għaxar xhur, wassal għal sitwazzjoni fejn kien hemm żieda qawwija fil-prezz tas-siment minħabba l-impożizzjoni tat-taxxa tas-sisa, żieda fil-prezz tal-ħadid u żieda fil-prezz tal-*bitumen.* Ix-xhud qal li f'dan il-każ ix-xogħol inbeda f'Settembru tal-2011 u spiċċa f'April tal-2013 b'mod sħiħ.

6. **Il-Perit Mariello Spiteri** f'isem EMDP Ltd, li tqabbdet mis-soċjetà intimati bħala *project manager* fuq dan il-proġett, xehed li kien għadda żmien konsiderevoli bejn il-perijodu meta saru s-sottomissjonijiet tal-kumpannija rappreżentata minnu fis-sejħa għall-offerti u meta saret l-aġġudikazzjoni. Ix-xhud spjega li l-kumpannija EMDP Ltd kellha tkun *project manager* fuq dan il-proġett, sabiex tara u tirrevedi d-disinji li kienu qegħdin isiru, tara li l-miri stabbiliti kienu ser jintlaħqu, kif ukoll sabiex tiċċertifika x-xogħol u toħroġ il-kontijiet.

7. **Anton Schembri** għan-nom tas-soċjetà rikorrenti, xehed li kien intlaħaq qbil mas-soċjetà intimata li din tħallas taż-żieda introdotta mill-Gvern fl-aħħar *budgets,* partikolarment l-impożizzjoni tat-taxxa tas-sisa fuq is-siment, għalkemm qal li l-kwistjoni taż-żieda fil-prezz tal-asfalt u tal-ħadid baqgħet mhux solvuta mill-partijiet. Ix-xhud qal li sa Marzu tal-2013 ix-xogħol li kellha tagħmel is-soċjetà rikorrenti kien lest kollu, għajr għas-*service culverts.* Qal li l-

prezzijiet ikkwotati fis-sejħa għall-offerti kienu validi sa tmiem l-2010, jiġifieri perijodu ta’ żmien meta x-xogħol kien għadu ma bediex. Ix-xhud qal li l-intimata aċċettat u qablet li għandha tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-prezz tal-konkos, iżda mhux għaż-żieda tal-prezz ta’ materjali oħra.

8. Xhud ieħor, **Michael Pullicino**, spjega li huwa jaħdem bħala *Project Leader* ma’ Malta Industrial Parks Limited fuq il-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, u f’dan ir-rwol huwa jservi bħala kuntatt u *liaison* bejn l-MIP u l-kuntrattur, id-Dipartiment tal-Kuntratti, il-*project managers* u s-*supervisors* li kienu qegħdin imexxu x-xogħol direttament mal-kuntrattur. Ix-xhud spjega li l-programm inkwistjoni kien jikkonċerna xogħol ta’ tisbiħ tal-*industrial estates* li tmexxi l-MIP u l-bini ta’ *childcare centres* fihom. Qal li kuntrattur wieħed ma setax jagħmel ix-xogħol kollu meħtieġ, u għalhekk inħarġu għadd ta’ sejħiet għall-offerti sabiex ix-xogħol isir f’fażijiet differenti. Qal li kienet l-MIP li ffissat ir-rati ta’ ħlas għal dawn ix-xogħlijiet, u wara li saret l-għażla tal-kuntratturi li kellhom jaħdmu fuq dan il-proġett, fid-19 ta’ Mejju, 2010 dawn irċevew ittra fejn ġew mgħarrfa formalment li kienu ntgħażlu sabiex jaħdmu fuq dan il-proġett, u ġew mgħarrfa wkoll li aktar ’il quddiem kienu ser jiġu infurmati dwar il-fażi tal-proġett li kellhom jaħdmu fuqha. Ix-xhud qal li s-sejħa għall-offerti ħarġet f’Novembru tal-2009, u dak iż-żmien il-kuntratturi ngħataw l-impressjoni li kien hemm sena xogħol fuq kull fażi tal-proġett. Qal li fl-ittri li ngħataw lill-kuntratturi ssemmiet id-data ta’ Diċembru 2010 bħala *target date* għat-tlestija tal-proġett. Żied jgħid li minkejja li l-kuntratti ġew iffirmati f’Settembru tal-2010, id-data għat-tlestija tal-proġett xorta waħda baqgħet tidher bħala Diċembru 2010, u għalhekk meta ġie ffirmat il-kuntratt, il-kuntrattur suppost li kien diġà

ħadem disa' xhur fuq il-proġett. Ix-xhud qal li minkejja li l-proġett ma bediex fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet, ir-rati kollha tax-xogħlijiet li kellhom isiru, ġew iffirmati mill-ġdid mill-partijiet fi ftehim ieħor li ġie ffirmat f'Lulju tal-2011 bejn il-kuntratturi u l-MIP. Qal li minkejja li dakinhar kienu diġà għaddew għaxar xhur mill-iffirmar tal-kuntratt oriġinali, ix-xogħol fuq is-sit kien għadu ma bediex. Qal ukoll li f'dawn l-għaxar xhur, is-soċjetà rikorrenti kellha l-faċilità, kieku riedet, li titlob li tinħall mill-kuntratt ladarba l-proġett kien għadu ma bediex, iżda dan ma sarx. Dan ix-xhud qal li l-valur tax-xogħol li kellha tagħmel is-soċjetà rikorrenti kien jiswa miljun u disa' mitt elf Euro (€1,900,000) (VAT eskluż), li minnhom ħames mija u sebgħin elf Euro (€570,000) tħallsu lill-kuntrattur bil-quddiem. Ix-xhud qal li minkejja li s-soċjetà rikorrenti għamlet talba għall-ħlas ta' kumpens għaliex qiegħda tallega li kien hemm żieda fil-prezz tal-materjali li kellhom jinxtraw minnha, l-MIP hija tal-fehma li għandu jkun hemm *cut-off date* li tkun tikkorrispondi mal-aħħar darba li kien hemm ftehim fuq ir-rati, jiġifieri Lulju tal-2011. Qal li l-MIP rat diversi prezzijiet sabiex setgħet tagħmel eżerċizzju komparattiv tal-prezzijiet, u kkonstatat li ż-żidiet fil-prezz tal-ħadid kienu minimi ħafna fiż-żmien meta beda jsir ix-xogħol mis-soċjetà rikorrrenti, għaliex il-prezz tal-ħadid kien diġà għola qabel ġie ffirmat il-kuntratt. Qal ukoll li s-soċjetà rikorrenti ma ssottomettiet l-ebda evidenza li kien hemm xi żieda fil-prezz tal-asfalt, u minkejja li hija qiegħda tgħid li l-prezz tal-*bitumen* żdied, ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dak li qiegħda tallega. Ix-xhud qal li l-unika ħaġa li setgħet tagħmel l-MIP kienet li tipprova tanalizza l-prezz taż-żejt fiż-żmien rilevanti, u f'dan ir-rigward kienet stabbiliet li l-prezz taż-żejt kien diġà tela' ħafna fiż-żmien meta ġie ffirmat il-kuntratt u meta ġie ffirmat il-*corrigendum* bit-tieni sett ta' rati. Ix-xhud qal li minkejja li huwa ma kienx jaħdem l-MIP fiż-

żmien li ngħata dan il-kuntratt partikolari, meta huwa qabbel ir-rati miftiehma fil-kuntratt oriġinali mar-rati mniżżla fil-*corrigendum,* sab li dawn kienu jaqblu. Ix-xhud qal li l-klawsola 31 tal-*Ispecial Conditions* kienet tgħid li jekk ix-xogħol ikun għadu ma bediex wara tul ta' żmien, il-kuntrattur għandu terminu ta' disgħin ġurnata biex iħassar il-kuntratt. Qal li l-kuntratt ġie estiż ħames darbiet, u ma ġiet imposta l-ebda penali. Qal li x-xogħol tlesta għal kollox f'Settembru tal-2016.

9. Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet dwar din il-kwistjoni, kopja tal-*Framework Agreement,* kopja tal-kuntratt u tal-*corrigendum* għall-kuntratt, kif ukoll diversi konstatazzjonijiet bil-miktub li saru mill-partijiet rigward din il-kwistjoni.

**<u>Il-Lodo Appellat</u>**

10. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fl-4 ta' Mejju, 2020, it-Tribunal iddeċieda dwar din il-pendenza billi laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u ddikjara li din għandha tingħata kumpens għaż-żieda fil-prezz tal-asfalt u tal-ħadid, u akkorda żmien ta' xahrejn lill-partijiet sabiex jilħqu ftehim dwar is-somma flus li għandha titħallas lis-soċjetà rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-ewwel* claim *tal-kuntrattur tmur lura għal ittra tas-6 ta' Settembru, 2012 meta x-xogħol kien avvanzat sew (Dok. MP11). Din l-ittra tispeċifika li l-kuntrattur xtaq iżid xi rati fil-kuntratt, prinċiparjament fix-xogħol ta' konkos, xogħol ta' ħadid u xogħol ta' asphalt. Il-kuntrattur sostna li l-Gvern wara l-kuntratt daħħal il-*concrete levy *f'kull budget mill-2011 'il quddiem u l-kuntrattur ried jibdel ir-rati. Hu sostna li l-prezz tal-*

*bitumen għola fis-swieq internazzjonali. Il-kuntrattur ma kkwota ebda klawsola mill-kuntratt li fuqha kien qed jibbaża t-talba tiegħu. Id-Dok. MP12 hija ittra datata 14 ta' Settembru, 2012 fejn l-uffiċċju legali tal-MIP kien ċaħad din it-talba tal-kuntrattur. B'ittra datata 18 ta' Settembru, 2012 (Dokument MP13) Schembri Barbros aċċettaw li jkomplu x-xogħol mingħajr preġudizzju għat-talbiet tagħhom. Huma kkwotaw Klawsola 65 u 66 tal-Kuntratt biex isir ftehim bonarju. F'każijiet bħal dawn biex il-*claim *tiġi aċċettata, trid taqbel l-MIP, tagħmel rakkomandazzjoni lid-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment joħroġ il-formalitajiet biex jiġu ffirmati. F'dan il-każ ir-rakkomandazzjoni kienet li ma jistgħux jaċċettaw it-talba għal żieda. Meta daħal huwa kienu kkuntattjaw lill-kuntrattur u talbuh aktar dettalji dwar it-talba tiegħu u dana bagħat ittra datata 21 ta' Mejju, 2014 fejn hu reġa' rrifera għal* claim *oriġinali u tahom aktar dettalji. Bħala raġunijiet ma nbidlux; hu tahom* financial breakdown *ta' x'tinvolvi l-*claim *u hemmhekk sirna nafu li din il-*claim *kemm kienet (ara Dok. MP16). Id-Dipartiment tal-Kuntratti indikalhom li parti mill-*claim *setgħet tiġi aċċettata ċioe dik il-parti li tirrigwardja s-*cement levies*. Għalhekk sar Addendum 7, Addendum 8, Addendum 9 rigward is-*cement levies*. Id-Dipartiment tal-Kuntratti baqa' jiġri warajna għal* feedback *fuq il-ħadid u fuq l-asphalt u f'dokument MP18 email datat 9 ta' Settembru, 2014 l-MIP reġgħu rrifjutaw il-*claim. *Mid-Dipartiment tal-Kuntratti imbagħad ma semgħu xejn aktar u d-diskussjoni waqfet hemm.*

*L-MIP ma setgħux jaċċettaw it-talbiet tar-rikorrenti għal żidiet fir-rati tal-kuntratt li huma kienu ffirmaw darbtejn. L-ewwel ittra tas-6 ta' Settembru, 2012 (Dok. MP11) ma kinitx tinkludi somma imma rati li l-kuntrattur xtaq illi jżid. Id-Dipartiment tal-Kuntratti kien talab lill-atturi biex jikkwantifikaw il-*claim *u l-kuntrattur, permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju tal-2014 talab l-ammont ta' €358,113 iżda din ma kinitx ġiet aċċettata. Minn dak l-ammont irid jonqos l-ammont ta'* cement levy *li diġà tħallas mill-MIP. Is-somma li qed jitolbu hi viċin it-tliet mitt elf. Ħafna minnu jirrigwardja l-asfalt u ftit eluf, jirrigwardjaw il-ħadid.*

*Fir-rigward tal-ħadid, Schembri Barbros qed jagħmlu referenza għall-prezzijiet tal-ħadid ili joħroġ l-importatur lokali tal-ħadid, iżda ma ġiet provduta l-ebda evidenza ta' prezzijiet li joħroġ dan il-*leading supplier*, imma jissemma biss fl-ittra ta' Schembri Barbros. MIP rat xi prezzijiet li kien hemm mid-data li ġie ffirmat il-*corrigendum *għax l-MIP tħoss li d-data li fiha ġie ffirmat il-*corrigendum*, fl-4 ta' Lulju, 2011, hija d-data tal-punt tat-tluq, ċioe minn meta ġew iffirmati r-rati għat-tieni darba. X'ġara qabel l-MIP ma tantx tista' tidħol fiha għax il-kuntrattur kellu l-faċilità li joħroġ mill-kuntratt. L-MIP internament ġabet il-prezzijiet mingħand is-supplier JM Vassallo Vibro Steel. Ġabu l-prezzijiet li ħarġu fl-4 t'April, 2011, jiġifieri tliet xhur qabel ma ġie ffirmat il-*corrigendum. *Meta ġie ffirmat il-*corrigendum, *tliet xhur wara, fl-4 ta' Lulju, 2011,*

*kien għad hemm dawk il-prezzijiet. Huma ma sabux prezzijiet li ħarġu dakinhar li ġie ffirmat il-*corrigendum. *Riedu jsibu xi ħaġa li ħarġet qabel. Ġabu tliet* price lists *– 8 t'Awwissu, 2011, xahar qabel ma beda x-xogħol; 23 ta' Jannar, 2012, meta kien diġà beda x-xogħol u 15 t'Ottubru, 2012, meta sar ix-xogħol. Il-kuntrattur ibbaża fuq id-data tal-4 t'April, 2011 u ma reġax ikkwota dati oħrajn. Il-kuntratt ġie ffirmat fil-5 ta' Settembru, 2010 u r-rati reġgħu ġew iffirmati fl-4 ta' Lulju, 2011 u rata b'rata ma nbidel xejn. L-MIP tħoss li minn 4 t'April, 2011 'il quddiem wieħed irid jara x'tibdil kien hemm u forsi jasal biex jitkellem fuqhom. Dejjem jekk il-*claim *tiġi aċċettata. Skont l-MIP iż-żieda trid tkun marbuta mal-aħħar sett ta' rati li ġie ffirmat f'Lulju tal-2011 meta ġew iffirmati rati. L-MIP tħoss li minn hemm 'il quddiem għandha titkellem. X'ġara qabel, l-MIP tħoss li hu irrelevanti. Irid ikun hemm* cut-off date *u l-MIP tħoss li l-*cut-off date *hija l-aħħar darba li ġew iffirmati r-rati.*

*Id-differenzi fiż-żieda fil-prezz tal-ħadid minn dak iż-żmien li beda jsir ix-xogħol, kienu minimi ħafna. Il-ħadid effettivament għola ħafna qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt. Kien hemm żewġ tipi ta' ħadid; dak ikklassifikat fin-naħa ta'* steel bars*, skont il-ħxuna; u fin-naħa tax-xibka, fin-naħa tal-mesh, skont it-tip ta' mesh. Min-naħa tal-ħadid dak li jissejjaħ* steel bars *ta' 12* millimetres*, u waqt li kien qed isir ix-xogħol, kull m'għola kien bi 3 fil-mija mill-aħħar darba li ġew iffirmati r-rati. Min-naħa ta' xibka l-iktar li ntużat fix-xogħol, dik li tissejjaħ A503, għoliet bi 8 fil-mija waqt li kien qed isir ix-xogħol.*

*Fir-rigward tal-prezz tal-asfalt il-kuntrattur ma ssottometta l-ebda evidenza li għolew xi tip ta' materjali. Hu jgħid biss li għola l-prezz tal-bitumen. Il-Perit Mugliette qal li r-*raw material *li jipproduċi l-asfalt ivarja skont il-prezz taż-żejt. Dik hi l-unika ħjiel li l-MIP għandha biex forsi tista' tibda tanalizza din it-tip ta'* claim. *Ma ġewx sottomessi prezzijiet ta' bitumen. L-MIP qabdet il-prezzijiet taż-żejt li huma* available *fuq l-internet biex tara jekk għolewx jew naqsux il-prezzijiet, mhux prezzijiet tal-asfalt, mhux prezzijiet tal-bitumen imma prezzijiet taż-żejt fis-suq internazzjonali. L-istess bħal fil-każ tal-ħadid, il-prezz taż-żejt kien diġà spara 'l fuq sad-data li ġie ffirmat il-*corrigendum. *Minn hemm 'il quddiem, waqt li kien qed isir ix-xogħol, l-MIP innutat illi l-prezz taż-żejt, għola ftit żgħira. Imbagħad reġa' qabad it-triq tan-niżla. Il-kuntrattur qal ukoll li kellu juża ż-żrar impurtat minn barra, però mingħajr dettalji u għalhekk ma jistax jikkummenta.*

*Fuq kontroeżami wieġeb li l-klawsola 31 (Dok. MP7) tal-*general conditions *ma tinsabx fl-i*special conditions *però ma jfissirx illi l-klawsola (31) tal-*general conditions *waqgħet u spiċċat. Fl-i*special conditions *dan id-dritt mhux riprodott. Il-kuntrattur ma jidhirx li rrinunzja għad-dritt tiegħu li jitlob kumpens meta ngħata l-*extensions *fuq l-*

addendum. *Fid-Dok. MP10, ma jissemma xejn rigward il-kumpens, (2014) Id-Dok. MP10 mhuwiex* final payment, *imma* interim certificate of payments *tax-xogħol li kien sar sa dakinhar kif jindika l-istess dokument. Għalih però wara dana l-pagament mhux suppost li kellu joħroġ aktar pagamenti u għalhekk jikkunsidrah bħala l-*final payment. *Il-*claims *li kien għamel is-Sur Schembri qabel ma kien ħareġ dan id-dokument dejjem kienu ġew* rejected. *Huwa qal ma rax l-irċevuti li l-kuntrattur qed jgħid li ġab mingħand Asfaltar Limited. Lilu m'għaddewhomlux; ma kinux fil-file tal-MIP u ma kinux fir-rapport tal-Perit Mugliette. Jiftakar li darba kienu* on site *hu u kuġin Anton, Joseph Schembri, u dana ħareġ karta mill-but b'rabja, għolliha fl-ajru u qal* 'ara b'kemm qed nixtruh il-bitumen'. *La naf x'figuri kien fiha l-karta u lanqas jaf l-ebda dettalji ta' prezzijiet u affarijiet hekk.*

***Talba u kontestazzjoni***

*Il-mertu ta' dan l-arbitraġġ huwa limitat għat-talba għaż-żidiet fil-prezz tal-asphalt u ħadid meta kien qed jiġi eżegwit il-kuntratt.*

*L-intimati jikkontendu li minħabba l-klawsola 46* General Conditions *tal-kuntratt l-ebda ħlas ulterjuri ma hu dovut. Huma jistrieħu fuq il-prezzijiet miftiehma bejn il-partijiet fil-kuntratt u sussegwentement ikkonfermati fil-*Corrigendum*, qabel beda x-xogħol. Isostnu li l-prezzijiet kienu diġà għolew sew qabel beda x-xogħol mentri waqt ix-xogħol il-prezzijiet kienu għolew bi ftit biss.*

***Eċċezzjoni Preliminari***

***Leġittimu kontradittur***

*Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati li l-arbitraġġ messu sar kontra d-Direttur tal-Kuntratti u mhux kontra s-soċjetà intimata, ġiet irtirata (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol. 1).*

***Fil-mertu***

*Dwar it-talba tar-rikorrenti biex jiġu kkumpensati għaż-żieda fil-prezz tal-asfalt u ħadid, l-intimati ppreżentaw is-segwenti eċċezzjonijiet fil-mertu:*

- That in terms of Clause 46 of the Special Conditions of Contract, prices quoted by Contractor and forming part of the Contract are fixed and not subject to revision or escalation in costs
- That Claimant is solely responsible for escalation in costs and changes brought about in the time period of execution of the Contract which in any case were foreseeable and had to be taken into consideration by Contractor at tender stage.

***Estensjonijiet u dewmien***

*Għalkemm kien hemm numru mhux ħażin ta' estensjonijiet, mill-provi prodotti jirriżulta li l-ebda waħda minnhom ma kienet dovuta għal xi nuqqas da parti tar-rikorrenti (ara xhieda ta' Anton Schembri, Perit Jesmond Mugliette u anke xhieda prodotta mill-intimati). Mhux kontestat illi dawn l-estensjonijiet ma kinux tort tar-rikorrenti, għax kieku l-MIP kienet timponi l-ħlas ta' penali, ħaġa li fil-fatt ma għamlitx. Jirriżulta invece li d-dewmien u l-estensjonijiet kienu ġejjin min-naħa tal-intimati. Għalkemm il-kuntratt kien jipprevedi li x-xogħlijiet kollha kellhom jiġu terminati l-ewwel, f'Diċembru 2010, imbagħad Novembru 2011 imbagħad Settembru 2012 effettivament ix-xogħol spiċċa kompletament f'Settembru 2014.*

*Oriġinarjament il-kuntratt ġie ffirmat fil-5 ta' Settembru, 2010 u kellu jiġi terminat sa Diċembru 2010. Ovvjament ix-xogħol ma setax isir f'perijodu ta' tliet xhur, u l-intimati kellhom jagħtu estensjoni lill-kuntrattur. Kien hemm imbagħad dewmien sakemm ġew appuntati s-*supervisors *fuq ix-xogħol tal-kuntrattur minħabba appell li sar minn terzi. Mingħajr dawn is-*supervisors *ir-rikorrenti ma setgħux jibdew ix-xogħol u setgħu jibdew biss meta dawn ġew appuntati u ċioe f'Settembru 2011 ċioe sena wara li ġie ffirmat il-kuntratt. Inoltre tul ix-xogħol kien hemm bżonn ukoll ta' bini ta'* storm water culvert *li ma kienx pjanat u għalhekk kellu jsir tibdil fid-disinni. Dawn ġabu aktar dewmien kif ġie kkonfermat fix-xhieda tal-Perit Mariello Spiteri.*

***Prezzijiet fissi***

*Ir-rikorrenti jsostnu li waqt li kien hemm dawn l-estensjonijiet u dewmien, il-prezz tal-materja – asfalt, ħadid u siment għola. Huma jargumentaw illi kieku x-xogħol beda kif miftiehem kieku r-rikorrenti ma kienx ikollhom dritt jagħmlu talba għal żieda fil-prezzijiet. Meta kuntrattur jieħu xogħol hu jassumi li għat-*tender period *huwa marbut ma' dak il-prezz u ma jistax iżid il-prezz jekk ix-xogħlijiet jitħallew jieħdu l-kors normali tagħhom. Imma meta bħal f'dan il-każ, ir-rikorrenti jdumu, mhux tort tagħhom, sena biex jibdew u jikkompletaw ix-xogħol, allura huma m'għandhomx jibqgħu marbuta b'dawk ir-rati billi jkunu laħqu nbidlu jew għolew.*

*Jirriżulta li f'dan il-każ li kien hemm żieda fil-prezz tal-ħadid miċ-Ċina u l-prezz tal-bitumen għola għax kien marbut mal-prezz taż-żejt. Il-Perit Mariello Spiteri kkonferma li l-prezzijiet kienu għolew żgur u dana kkonfermah il-Perit Jesmond Mugliette fir-rapport tiegħu.*

*Il-kuntratt kien jistabilixxi illi l-prezzijiet kellhom ikunu fissi, dan però għandu jiftiehem għaż-żmien miftiehem oriġinarjament u ma jistgħux dawn il-prezzijiet loġikament jibqgħu jgħoddu għal kull estensjoni aċċettata minħabba raġunijiet mhux imputabbli*

*lir-rikorrenti jew saħansitra ordnata mill-intimati. Meta r-rikorrenti tefgħu offerta tagħhom bil-prezz li bih iffirmaw il-kuntratt huma kienu qed joffru dak is-servizz tagħhom għall-perijodu mitiehem għall-esekuzzjoni tal-kuntratt u mhux għal perijodi itwal u li ġew estiżi mill-intimati u mhux tort tar-rikorrenti.*

***Żieda prevedibbbli fil-prezzijiet***

*L-intimati wieġbu li* claimant is solely responsible for escalation in costs and changes brought about in the period of execution of the Contract which in any case were foreseeable and had to be taken into consideration by Contractor at tender stage.

*Ma hemm xejn x'jindika li r-rikorrenti setgħu jipprevedu, fiż-żmien meta ffirmaw il-kuntratt, li huma kienu ser idumu erba' snin biex jispiċċaw ix-xogħol li kellu jdum 10 xhur. Għalhekk mhux korrett li l-intimati jibbażaw ruħhom fuq rati fissi li ma jitbiddlux meta fir-realtà l-ftehim bejn il-partijiet ma nżammx. L-intimati ma jistgħux jieħdu vantaġġ mir-rikorrenti għax inqala' l-imprevedibbli jew għax ċerti affarijiet ma kinux ippjanati kif suppost. Id-dewmien ma kien dovut għal ebda nuqqas da parti tar-rikorrenti. Kienet l-istess soċjetà intimata li kkonċediet l-estensjoni taż-żmien tal-kuntratt mingħajr ebda pretensjoni kontra r-rikorrenti għal danni jew penali minħabba dewmien fl-esekuzzjoni. Hu evidenti li la darba r-rikorrenti ma kellhomx tort għad-dewmien l-intimata ma tistax tippretendi li hi ma tħallas xejn żejjed u tipprova tinħeba wara l-klawsola 46 jew 18.*

*F'dan ir-rigward jiġi rilevat li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti* ***in bona fede*** *mill-bidu sal-aħħar. Hu risaput li:*

> "Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi." *(ara Art. 993 – Appell Kummerċjali –* ***"Psaila vs Spiteri" –*** *27 ta' Jannar, 1958 – Vol. XLII.I.669; u Appell Ċivili –* ***"Depares noe vs O'Dea noe"*** *– 25 ta' Ġunju, 1996)* ***Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri*** *deċiża fl-4 ta' Diċembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell).*

*Il-Qrati tagħna rritenew li l-prinċipju fundamentali tal-bona fides għandu jipprevali fuq finzjonijiet legali. (Ara ad eż.* ***Dr Jose Herrera noe et vs Tancred Tabone et noe*** *(App. 22 ta' Jannar, 1992).*

*Is-soċjetà intimata ma tistax tippretendi li tqabbad kuntrattur bi ftehim bi prezz fiss, u wara ttawwallu t-terminu tal-kuntratt għal raġunijiet estranei għalih, u tippretendi li l-kuntrattur jibqa' jagħmel ix-xogħol imqabbad għal żmien aktar minn dak miftiehem mingħajr ma jkun ikkumpensat minħabba żieda fil-prezz. Is-sitwazzjoni*

*kienet tkun differenti kieku l-perijodu twal minħabba raġunijiet imputabbli lill-kuntrattur, li mhux il-każ. Japplika hawn il-prinċipju* ombia labor optat premium.

**Pacta sunt servanda**

*Skont il-liġi (ara Kodiċi Ċivili, l-Art. 1004) il-prinċipju kardinali huwa li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li għandha tipprevali u tiġi osservata.*

*Fil-fehma tal-Arbitru fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija għandu jkun hemm rimedju għal ċirkostanzi speċjali involuti f'dan il-każ. Rimedju f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jmurx kontra l-prinċipju tal-*pacta sunt servanda *imma hu intiż biex jerġa' joħloq stat ta' ekwilibriju fix-xenarju li żviluppa li ma kienx prevvist f'dak li ftiehmu l-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt.*

***Terminazzjoni/Rinunzja kuntratt***

*L-intimati saħqu wkoll li, skont Klawsola 31 tal-I*special Conditions*, jekk il-kuntrattur jara li x-xogħol għadu ma bediex għal tul ta' żmien, hu għandu perijodu ta' 90 ġurnata li fih huwa jista' liberalment iħassar il-kuntratt.*

*Illi r-rikorrenti jsostnu li huma ma setgħux iħassru l-kuntratt la darba kienu ffirmaw il-kuntratt. Illi jirriżulta li l-kuntratt ġie ffirmat fil-5 ta' Settembru, 2010 u ġie estiż għal Novembru 2011. F'Jannar 2011 ir-rikorrenti setgħu tterminaw il-kuntratt minħabba dewmien invece fil-4 ta' Lulju, 2011 iffirmaw* corrigendum *fejn ikkonfermaw ir-rati li kienu aċċettaw fit-tender u fil-kuntratt oriġinali. Ir-rikorrenti bdew ix-xogħol fit-2 ta' Settembru, 2011 u għalhekk kienu marbuta b'dawn ir-rati għal għaxar xhur, iż-żmien li fih kellhom jesegwixxu l-kuntratt. Wara dawk l-għaxar xhur ir-rikorrenti ma kinux marbuta b'dawk ir-rati.*

*Meta għaddew l-għaxar xhur, u x-xogħol ma kienx tlesta minħabba d-dewmien, ir-rikorrenti ġew imġiegħela jkomplu bix-xogħol. Huma kellhom ikomplu bix-xogħol avvolja f'dak l-istadju kienu żdiedu l-prezzijiet. Huma kellhom ikomplu bix-xogħol* under-protest *għax ma kellhom ebda għażla oħra u ma setgħux jirrinunzjaw għall-kuntratt. Infatti fis-*site meeting *tat-3 ta' Settembru, 2012, f'minuta 3 l-kuntrattur informa lill-intimati li mhux se jkompli bix-xogħol f'dawk iċ-ċirkostanzi. L-intimati weġbuh li jew ikompli bix-xogħlijiet jew inkella ħa jdaħħlu l-ħaddieħor għas-spejjeż tagħhom għax il-proġett irid jitlesta. (Ara ittra 14/9/2012 fejn l-MIP kienet lesta li tenforza l-klawsoli 60 u 61 u tittermina l-kuntratt. Altru milli kellu xi għażla l-kuntrattur.*

*F'dak l-istadju r-rikorrenti ma rrinunzjawx għad-dritt tagħhom li jitolbu kumpens. Kif ġie deċiż diversi drabi mill-Qorti ta' Strasburgu f'każijiet oħra fejn sidien ta' postijiet mikrija ikollhom jaċċettaw kera baxxa minħabba li l-liġi ma tippermettilhomx li jgħollu l-kera. F'dawk il-każijiet il-Qorti ddeċidiet li* it could not be said that the applicants as landlords had implicitly waived their right to set the level of rents, as, for the Court, waiving a right necessarily presupposed that it would have been possible to exercise it. There was no waiver of a right in a situation where the person concerned had never had the option of exercising that right and thus could not waive it.

*Għalhekk ir-rikorrenti wara li skada t-terminu għall-esekuzzjoni tal-kuntratt ma rrinunzjawx u lanqas setgħu jirrinunzjaw għall-kuntratt jew jitterminaw il-kuntratt min-naħa tagħhom minħabba dewmien li ma kienx tort tagħhom. Ma kienx tort tagħhom li x-xogħol dam daqshekk biex jibda u jispiċċa.*

***Għalhekk l-Arbitru jikkonkludi li r-rikorrenti għandhom jitħallsu għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja meta huma kellhom ikomplu jagħtu servizz lill-intimati oltre l-perijodu miftiehem.***

***Talba għal kumpens***

*L-intimati eċċepew ukoll li:*

Without prejudice to the foregoing, that the sum claimed of €323,557.98 is grossly inflated and in any case must be substantiated by documentary and other evidence, of which none has been produced by Claimant with its statement of claim.

*L-intimati jisħqu li meta għamlu l-*final payment *(Dok. MP10), ma ssemma xejn dwar il-kumpens li r-rikorrenti issa qed jitolbu. Jgħidu li wara dan il-pagament mhux suppost kellhom joħorġu aktar pagamenti u għalhekk Dok. MP10 għandu jiġi kkunsidrat bħala* final payment. *Ir-rikorrenti ma għamlu ebda riserva.*

*Min-naħa l-oħra r-rikorrenti jsostnu li d-Dok. MP10 mhuwiex* final payment*, imma* interim certificate of payment *tax-xogħol li kien sar sa dik id-data, u dana kif jindika l-istess dokument. Ir-rikorrenti kienu baqgħu jinsistu fuq il-*claim *tagħhom anke wara li sar dana l-pagament.*

*Illi l-Arbitru jirrileva illi huwa kompitu ta' min jallega li jipprova dak li qiegħed jallega, u hija ġurisprudenza paċifika li min jallega pagament għandu jippruvah. Huwa biss meta d-debitur jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, li kreditur ma jistax unilateralment jinjora l-mod kif ġie offert il-pagament u jaċċettah b'riservi. Fil-każ in eżami ma jirriżultax li l-pagament sar b'mod li jindika li l-pagament kien sar għas-saldu, tant li fid-dokument*

*hemm imnižžel* interim certificate of payment. *Inoltre dan ix-xogħol kien għadu parzjalment kompletat, u dik il-parti tax-xogħol ġiet terminata definittivament fis-sena 2014.*

*Dwar it-talba għal żieda fil-prezzijiet tal-materja, ir-rikorrenti kienu jixtru ħadid mingħand JMV Vassallo Vibro Blocks Ltd u bbażaw ruħhom fuq il-*price lists *tagħhom (ara lista dettaljata taż-żieda li tinsab f'Appendix 11). Ir-rikorrenti talbu wkoll ir-reviżjoni fir-rata tal-asfalt biex tirrifletti ż-żieda fil-prezz tal-Bitumen (Dok. MP11 – Bill Q22).*

*Mario Pullicino għall-intimati xehed li fir-rigward tal-prezz tal-asfalt il-kuntrattur ma ssottometta l-ebda evidenza dwar il-materjali li għolew. Huwa qal li ma rax l-irċevuti li l-kuntrattur qed jgħid li ġab mingħand Asfaltar Limited. Lilu m'għaddewhomlux; ma kinux fil-file tal-MIP u ma kinux fir-rapport tal-Perit Mugliette. Jiftakar li darba hu kien* on site *u kien hemm kuġin ta' Anton, Joseph Schembri, u dana ħareġ karta mill-but b'rabja, għolliha fl-ajru u qal:* "ara b'kemm qed nixtruh il-bitumen"*. La jaf x'figuri kien fiha l-karta u lanqas jaf l-ebda dettalji ta' prezzijiet u affarijiet hekk.*

*Il-*claim *tar-rikorrenti kienet ġiet rifjutata (ara Dok. MP12) billi l-intimati sostnew li l-prezzijiet ma jistgħux jiġu riveduti skont il-klawsoli tal-ftehim. Din ir-*refusal *reġgħet ġiet ikkonfermata fid-dokument, (MP15). Ir-rikorrenti baqgħu jinsistu fuq il-*claim *tagħhom, u huma ġew mitluba biex iressqu aktar dettalji dwar il-*claim *tagħhom. Fid-dokument MP16 hemm id-*Detailed claim of Applicants. It-total variation *kienet ta' €358,113.22. Huma għaddew lill-intimati l-Price Lists ta' Vassallo (dok. MP19), il-Price List of Petroleum (Dok. MP20) u d-dettalji l-oħra tal-claim tagħhom.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-intimati jgħidu li s-soċjetà rikorrenti kkwantifikat il-kumpens li qed titlob fl-ammont ta' €358,113.22, li tinkludi t-talba eċċessiva ta' €282,463.22 bħala żieda fir-rigward tal-asphalt.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti, kif ġia deċiż, ir-rikorrenti għandhom jiġu kkumpensati għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja meta huma kellhom ikomplu jagħtu servizz lill-intimati oltre l-perijodu miftiehem. Il-kwistjoni hija dwar liema perijodu huwa dovut dana l-kumpens u minn meta.*

*Ir-rikorrenti qed jippretendu żieda minn Diċembru 2010 mentri l-intimat isostni li dana għandu jkun mill-4 ta' Lulju, 2011.*

*Illi l-prezzijiet kienu ġew stabbiliti u aċċettati meta ġie ffirmat il-kuntratt f'Settembru 2010 u reġgħu ġew ikkonfermati meta ġie ffirmat il-*corrigendum *f'Lulju 2011. Ir-rikorrenti reġgħu qablu mar-rati li kienu aċċettaw f'Settembru 2010. Ix-xogħol beda f'Settembru 2011 u kellu jispiċċa f'Settembru 2012. Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti*

*f'dan il-perijodu r-rikorrenti kienu aċċettaw u kienu marbutin bir-rati li huma kienu ffirmaw għalihom. Wara Settembru 2012 'il quddiem ir-rikorrenti ma kinux aktar marbuta imma kellhom ikomplu jagħtu s-servizz tagħhom. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti minn Settembru 2012 'il quddiem ir-rikorrenti kellhom dritt għal bdil fir-rati u żieda fil-prezz u kumpens. Skont l-intimati x-xogħol prinċipali sar bejn Settembru 2011 u Jannar 2013 imma effettivament biex spiċċa definittivament ix-xogħol, bl-*isnags *b'kollox, dan dam sa Settembru 2014.* ***Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti għandhom dritt jitolbu żieda fil-prezz tal-materjal minn Settembru 2012 sa Settembru 2014 skont kif indikati fid-Dokti MP 19 u 20.***

*L-arbitru ma kienx assistit f'dana l-arbitraġġ minn Perit tekniku fir-rigward tal-materja ta' indole teknika. Sfortunatament ukoll hi prassi komuni li l-partijiet 'jitfgħu' fil-proċess kwantità ta' dokumenti mingħajr spjegazzjoni u bl-idea li 'imbagħad jara t-Tribunal'. It-Tribunal għalhekk* ***se jappunta perit tekniku*** *biex jagħmel l-istima taż-żieda fil-prezz tal-asphalt u ħadid li għandhom jieħdu r-rikorrenti,* ***sakemm il-partijiet ma jaslux biex jaqblu bejniethom dwar somma fuq iż-żieda tal-prezz tal-asphalt u ħadid għall-perijodu fuq indikat.***

***Deċiżjoni***

*Għal dawn il-motivi:*

*L-arbitru jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiddikjara li r-rikorrenti għandhom jiġu kkumpensati għaż-żieda fil-prezz tal-asphalt u ħadid.*

*Dwar it-talbiet l-oħra jagħti lill-partijiet xahrejn żmien mid-data ta' notifika ta' dan il-lodo lill-partijiet biex jaslu għal ftehim fuq somma ta' flus li għandha titħallas lir-rikorrenti fuq iż-żieda fil-prezz tal-asphalt u ħadid, skont il-prezzijiet indikati fid-Dokti. MP19 u 20 minn Settembru 2012 u Settembru 2014.*

*Fin-nuqqas l-Arbitru se jinnomina perit tekiku biex jagħmel dina l-istima.*

*Spejjeż, skont it-taxxa tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li qiegħda tiġi annessa ma' dan il-lodo u mmarkata Dokument Ittra X, provviżorjament għall-akkoljiment tal-ewwel talba huma a spejjeż tar-rikorrenti.*

## L-Appell

11. Is-soċjetà appellanti ressqet l-appell tagħha minn dan il-lodo arbitrali fit-8 ta' Ġunju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex

*"... jogħġobha tvarja u tbiddel il-lodo appellat billi:*

1) *Tikkonfermah in kwantu l-arbitru laqa' t-talba tar-rikorrenti u iddikjara li r-rikorrenti għadhom jiġu kkumpensati għaż-żieda fil-prezz tal-asphalt u l-ħadid;*

2) *Tħassarha u tirriformaha fil-bqija billi:*

   i) *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-kumpens dovut għandu jkun dak stabbilit fir-rapport tal-Perit Tekniku* ex parte *Jesmond Mugliette u għaldaqstant tali kumpens jiġi iffissat fl-ammont ta' €323,557.98, u konsegwentement tiddikjara li s-soċjetà intimata għandha tħallas dan l-ammont lis-soċjetà esponenti;*

   ii) *Jew, alternattivament, fil-każ dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandu effettivament jinħatar perit tekniku, terġa' tirrimanda l-atti sabiex jiġu finalment deċiżi mit-Tribunal Arbitrali, hija għandha tiddeċiedi li l-parametri tal-ħatra tal-istess perit tekniku għandhom ikunu li:*

      a. *Huwa għandu jistabbilixxi l-kumpens dovut b'effett minn Settembru 2011 (mhux Settembru 2012) sa meta spiċċaw ix-xogħlijiet u*

      b. *L-istess Perit Tekniku m'għandux jasal għal tali sejbien a bażi tad-Dokument MP 19 u MP 20, iżda għandu jingħata aċċess, anke bil-produzzjoni ta' evidenza quddiemu, għall-prezzijiet rilevanti taż-żmien meta ġew imwettqa x-xogħlijiet kollha, ossija il-prezz tal-ħadid u tal-<u>bitumen</u> (mhux sempliċiment tal-<u>crude oil</u>) u dan sabiex ikun jista' jistabbilixxi l-kumpens li s-soċjetà intimata għandha tħallas lis-soċjetà esponenti u dan permezz ta' lodo finali;*

   iii) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ispejjeż kollha, kemm provviżorji, kemm definittivi u kif ukoll dawk tal-preżenti appell għandhom jiġu sopportati, fl-intier tagħhom mis-soċjetà intimata."*

12. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata, u fil-fehma tagħha t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li hija għandha tiġi kkumpensata biss għaż-

żieda bejn il-perijodu Settembru 2012 sa Settembru 2014, kif ukoll żbalja meta ddeċieda li dan il-kumpens għandu jitħallas abbażi tad-Dokument MP19 u MP20. Is-soċjetà appellanta qalet li hija taqbel li għandha tingħata kumpens għaż-żieda fil-prezz tal-ħadid u tal-*asphalt,* u fil-fatt hija ppreżentat rapport tal-Perit Tekniku *ex parte* Jesmond Mugliette, li spjega kif hija waslet għall-kwantifikazzjoni tal-pretensjoni tagħha. L-appellanta qalet li hija ma taqbilx li l-perijodu li għalih għandha tiġi kkumpensata, għandu jkun limitat għall-perijodu bejn Settembru 2012 u Settembru 2014. Qalet li l-ftehim iffirmat minnha kellu jorbotha għal perijodu ta' sena, u għalhekk meta hija ntalbet tibda x-xogħol f'Settembru tal-2011, il-perijodu ta' sena pattwit fil-kuntratt kien diġà għadda. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li huwa legalment skorrett li jingħad li meta hija ġiet mitluba tiffirma l-*corrigendum* f'Lulju tal-2011, hija bl-ebda mod ma kienet qiegħda takkwejixxi jew tikkonferma l-prezzijiet oriġinali, u dan għaliex hija dejjem ipprotestat ruħha u fl-ebda waqt ma rrinunzjat għad-drittijiet tagħha. Żiedet tgħid li f'dan il-każ hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tiffirma d-diversi *addenda* li ġew ippreżentati lilha tul il-kors tax-xogħlijiet, u minkejja li pprotestat diversi drabi, hija kienet mhedda li jekk ma tkomplix bix-xogħlijiet, kien ser jitqabbad kuntrattur ieħor bi spejjeż tagħha. Is-soċjetà appellanta spjegat li kieku mhux għax ġie ffirmat il-*corrigendum,* il-pagamenti dovuti lilha ma kinux jistgħu jiġu pproċessati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, għaliex fil-kuntratt oriġinali ffirmat kienu ġew inklużi rati ta' *tender* ieħor. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija għandha jedd għall-kumpens sħiħ minħabba ż-żieda fil-prezzijiet li kien hemm wara t-terminu oriġinali miftiehem bejn il-partijiet. Spjegat li skont il-ftehim, ix-xogħlijiet kellhom ikunu lesti sa Diċembru tal-2010, u dan minkejja li l-kuntratt oriġinali ġie ffirmat f'Settembru tal-istess sena.

13. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li t-Tribunal kien żgwidat meta qal li l-prezzijiet fid-dokument MP16 kienu prezzijiet li ġew stabbiliti mill-appellanta. Spjegat li dawn id-dokumenti ġew ippreżentati mill-appellata għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri permezz tax-xhieda tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li kuntrarjament għal dak li ntqal mit-Tribunal, dawn id-dokumenti ġew ippreżentati mix-xhud tal-appellata sabiex tipprova xxejjen l-pretensjonijiet tal-appellanta, u għalhekk dawn ma kinux id-dokumenti li fuqhom hija bbażat it-talbiet tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li dawn id-dokumenti ma jistgħux jintużaw sabiex jinħadem il-kumpens dovut lilha, għaliex dawn mhumiex kompluti, huma selettivi, mhumiex ikkonfermati mill-awtur tagħhom, ma jirrigwardawx iż-żieda fil-prezz tal-*bitumen,* u ma jirrigwardjawx il-perijodu de quo.

14. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-asserzjoni tat-Tribunal li qal li hija ma talbitx il-ħatra ta' espert tekniku, u qalet li f'dan il-każ it-talbiet tagħha huma sorretti mix-xhieda, u mir-relazzjoni tal-perit tekniku *ex parte* li lanqas ġie kontroeżaminat, u għalhekk ma kienx hemm raġuni għalfejn it-Tribunal jiddiskosta ruħu mill-konklużjonijiet ippreżentati minnu. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li l-parti tad-deċiżjoni li tikkonferma li hija għandha tingħata kumpens, għandha tiġi kkonfermata, il-metodu mfassal mit-Tribunal sabiex jiġi stabbilit tali kumpens, jiġifieri ż-żmien rilevanti kif ukoll id-dokumenti li abbażi tagħhom irid isir tali eżerċizzju, huwa wieħed li jiddifetta kemm legalment kif ukoll loġikament. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment ukoll għall-parti tad-deċiżjoni li tgħid li ser jiġi konċess terminu ta' xahrejn sabiex il-partijiet jaslu għal somma aċċettabbli bħala *quantum* tal-kumpens dovut, u

għall-fatt li ġie deċiż li fin-nuqqas ta' ftehim għandu jinħatar perit tekniku sabiex jistabbilixxi l-*quantum* hu. Qalet li n-nomina ta' perit tekniku f'dan l-istadju mhijiex meħtieġa, għaliex fl-atti proċesswali hemm rapport tal-perit tekniku *ex parte* Jesmond Mugliette li ma ġiex ikkontestat, u żiedet tgħid li jekk il-perit tekniku ser ikun marbut bit-termini stabbiliti fil-lodo, jiġifieri biż-żmien rilevanti u bid-dokumenti esebiti, il-konklużjonijiet tiegħu ser ikunu żbaljati u inkonklussivi. Qalet li għalhekk hija tal-fehma li l-lodo għandu jiġi varjat, u filwaqt li jiġi kkonfermat sa fejn it-talba tagħha għall-għoti ta' kumpens ġiet milqugħa, għandu jiġi varjat b'mod li jiġi aċċettat in toto r-rapport tal-Perit Jesmond Mugliette, u għalhekk il-kumpens dovut lilha jiġi ffissat fis-somma ta' €323,557.98, u alternattivament, f'każ li l-Qorti jidhrilha li għandu jiġi maħtur perit tekniku ġudizzjarju, dan għandu jistabbilixxi l-kumpens dovut b'effett minn Settembru 2011, meta effettivament bdew ix-xogħlijiet u mhux minn Settembru tas-sena ta' wara, u dan sabiex il-kumpens li jitħallas lilha jkun wieħed ġust.

15. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal kien żbaljat ukoll meta ddeċieda li hija għandha tħallas 'provviżorjament' l-ispejjeż tal-proċeduri. Qalet li l-lodo huwa ċar fis-sens li t-talbiet tagħha għandhom jiġu milqugħa, u li f'dan l-istadju fadal biss li jiġi stabbilit il-*quantum* tal-kumpens li għandu jitħallas lilha. Qalet li għalhekk hija s-soċjetà appellata li ġiet ikkundannata tħallas dan il-kumpens, li għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. L-appellata wieġbet illi l-lodo appellat huwa ġust u timmerita konferma, u għalhekk l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Fl-ewwel lok, is-soċjetà appellata qalet li l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta huwa null, għaliex jittratta apprezzament ta' fatti u mhux ta' liġi. Qalet li l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 tal-Kapitolu 387, u lanqas ma sar fuq punt ta' liġi skont l-artikolu 70A tal-istess Att. L-appellata qalet li dan l-appell lanqas ma jista' jitqies li jaqa' taħt l-artikolu 70Ċ tal-liġi, għaliex dan l-artikolu tal-liġi jirregola biss arbitraġġi mandatorji. Qalet li f'dan il-każ mhuwiex arbitraġġ mandatorju għaliex il-partijiet qablu bejniethom dwar kif għandu jiġi riżolt it-tilwim fil-kuntratt li ġie ffirmat bejniethom. L-appellata qalet li l-appell odjern jonqos milli jippreċiża l-punt ta' liġi estratt mil-*lodo* appellat sabiex tingħata tifsira korretta dwaru, għaliex l-appell mhux ibbażat fuq punt ta' liġi iżda fuq fatti, u għalhekk għandu jiġi ddikjarat null.

17. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-appellata żiedet tgħid li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, dwar il-kumpens li għandu jitħallas lilha, jista' jinqasam fi tliet partijiet, jiġifieri il-kwistjoni dwar il-perijodu fir-rigward ta' liema għandu jitħallas il-kumpens, il-kwistjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens u l-kwistjoni dwar il-ħatra ta' perit tekniku ġudizzjarju sabiex jikkwantifika l-*quantum* tal-kumpens. B'riferiment għall-pretensjoni tas-soċjetà appellanta li l-kumpens għandu jinħadem fuq il-perijodu li jibda f'Settembru 2011 u mhux f'Settembru tas-sena ta' wara, l-appellata qalet li filwaqt li mhux ikkontestat li l-appalt kellu jsir fuq

medda ta' sena, u minkejja li s-soċjetà appellanta kienet taf li l-parti l-kbira tax-xogħlijiet kienu ser jinbdew wara Diċembru tal-2010, f'Settembru tal-istess sena hija xorta waħda ffirmat il-kuntratt u r-rati tax-xogħlijiet li kien hemm fit-*tender* oriġinali. Is-soċjetà appellata qalet li permezz ta' ittri mibgħuta minnha fl-1 ta' Settembru 2010 u fit-8 ta' Ottubru, 2010, lid-Direttur tal-Kuntratti, is-soċjetà appellanta ikkonfermat li hija kienet disposta taħdem il-proġett ta' Ħal Far fi żmien disa' xhur minn meta ngħatat il-*go-ahead* biex tibda x-xogħol fuq il-proġett, u s-soċjetà appellanta qatt m'għamlet xi forma ta' riserva li hija kienet qed tibda l-appalt mingħajr preġudizzju għaż-żieda fir-rati tax-xogħlijiet. L-appellata qalet li mill-provi jirriżulta li f'Lulju tal-2011, il-partijiet reġgħu kkonfermaw permezz tal-*corrigendum* ir-rati tax-xogħlijiet kollha stipulati fit-*tender* u l-kuntratt u dan minkejja li l-ordni biex jinbdew ix-xogħlijiet ingħatat f'Settembru tal-2011. L-appellata qalet li dejjem kien hemm il-ħsieb li x-xogħol idum madwar sena, jiġifieri sa Settembru tal-2012. Qalet li għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ta kumpens minn Settembru 2012 'il quddiem, 'il għaliex il-perijodu ta' sena li fih kellu jiġi eżegwit l-appalt skada f'Settembru 2012. L-appellata qalet li l-prinċipju *pacta sunt servanda* għandu jiġi osservat, u għalhekk il-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni kellha tipprevali u tiġi osservata, speċjalment meta l-*corrigendum* ma ġiex iffirmat mingħajr preġudizzju għal żieda fir-rati tax-xogħlijiet. L-appellata qalet li kien biss fis-6 ta' Settembru, 2012, jiġifieri madwar sena wara li kien beda x-xogħol fuq il-proġett, li l-appellanta għamlet talba għal żieda jew għall-għoti ta' kumpens għaliex kien għola l-prezz tal-materjali. L-appellata qalet li tali talba kellha ssir fiż-żmien meta kien għadu għaddej ix-xogħol fuq il-proġett, sabiex l-appellata setgħet

tikkonstata l-prezzijiet fis-suq x'kienu, u mhux meta l-proġett kien wasal fi stadju finali u l-parti l-kbira tax-xogħol kienet tlestiet.

18. L-appellata qalet ukoll li t-Tribunal ma setax jistrieħ fuq il-kwantifikazzjoni tal-kumpens kif stabbilit mill-Perit Jesmond Mugliette, u dan għaliex fix-xhieda tiegħu dan ma kienx ċar rigward iż-żidiet mitluba abbażi ta' xiex kienu qegħdin jintalbu. L-appellata qalet li dan ix-xhud ippreżenta biss provi li juru l-prezz tal-ħadid kif mibjugħ minn JM Vassallo Vibro Steel Limited, mingħajr qatt ma nġabu provi dwar il-ħadid minn fejn attwalment inxtara u b'liema prezz. L-appellata qalet li l-kalkoli li jirriżultaw mir-rapport tal-Perit Mugliette, kienu maħduma wara li dan għamel paragun bejn il-prezzijiet tal-ħadid f'Novembru tal-2009, meta ħareġ it-*tender,* u l-prezzijiet tal-ħadid f'April tal-2011, u għalhekk dawn kienu l-prezzijiet prevalenti fiż-żmien meta ġie ffirmat il-kuntratt u l-*corrigendum.* Minkejja dan, din iż-żieda fil-prezz tal-ħadid ma tirriżultax minn dak li ġie ffirmat fil-*corrigendum.* L-appellata għamlet riferiment għar-rapport tal-Perit Mugliette fir-rigward tar-rati tal-*asphalt,* minn fejn jirriżulta li l-pretensjoni tas-soċjetà appellanta għal kumpens minħabba fiż-żieda fil-prezz tal-*asphalt* hija ta' €282,4623.22, li l-appellata tgħid li huwa ammont esaġerat. L-appellata qalet li l-Perit Mugliette qatt ma ppreżenta provi fil-forma ta' rċevuti dwar mingħand min u b'liema prezz l-appellanta kienet xtrat l-*asphalt* li ntuża għall-appalt inkwistjoni, u lanqas il-fornituri minn fejn xtrat il-materjal tal-*bitumen* u b'liema prezz dawn ipproduċew l-*asphalt.* L-appellata qalet li lanqas ma ġie ppruvat x'effett seta' kien hemm fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-*asphalt* fl-eventwalità li ntuża xi żrar impurtat minn barra minn Malta għall-*asphalt*, kif allegat is-soċjetà appellanta. L-appellata qalet li l-Perit Mugliette xehed li l-

kalkolu fir-rigward tal-prezz tal-*bitumen* ma sarx minnu, iżda sar mis-soċjetà appellanta. L-appellata qalet li hija għamlet il-kalkoli tagħha dwar il-varjazzjonijiet fil-prezz taż-żejt, liema varjazzjonijiet setgħu affettwaw il-prezz tal-*bitumen,* u hija kienet sabet li dawn il-varjazzjonijiet kienu minimi.

19. L-appellata qalet li sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, hija ħadet il-pożizzjoni li t-talbiet tas-soċjetà appellanta huma eċċessivi, u li fil-fehma tagha ser ikun diffiċli li persuna li mhix teknika tikkomputa b'mod korrett l-ammont dovut bħala kumpens. L-appellata qalet li hija tifhem li d-deċiżjoni tat-Tribunal li jiġi maħtur espert tekniku ġudizzjarju, saret għal raġunijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn it-Tribunal jgħid li huwa dovut kumpens u jieqaf hemm. L-appellata żiedet tgħid li ladarba l-pożizzjoni tas-soċjetà appellanta dwar il-pretensjonijiet tagħha ilha magħrufa sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, hija kellha l-obbligu li tippreżenta l-provi dwar il-prezzijiet attwalment imħallsa minnha u dwar il-pretensjonijiet tagħha. Qalet li għalhekk din il-Qorti m'għandhiex taċċetta li jinġabu provi ġodda quddiem l-espert tekniku ġudizzjarju li għad irid jiġi maħtur, u fakkret li l-proċeduri mertu tal-appell huma ta' *alternative dispute resolution,* u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 mhux dejjem huma applikabbli quddiem it-Tribunal.

20. B'riferiment għall-aggravju dwar l-ispejjeż, l-appellata qalet li t-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà appellanta għandha tħallas l-ispejjeż arbitrali provviżorjament, għaliex il-vertenza għadha ma ngħalqitx definittivament ladarba għadu ma ġiex stabbilit il-*quantum.* Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal ma setax jikkwantifika l-kumpens minħabba n-nuqqas ta' provi miġjuba

mis-soċjetà appellanta, u għalhekk m'għandux tkun hi li tbati l-ispejjeż marbuta ma' dan l-arbitraġġ għaliex l-oneru tal-prova ma kienx fuqha. L-appellata kkonkludiet billi qalet li għandu jirriżulta ċar li l-appell inkwistjoni hu frivolu u vessatorju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

21. Qabel tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata li r-rikors tal-appell odjern huwa null inkwantu li l-appell sar fuq punt ta' fatt u mhux fuq punt ta' liġi, u f'dan ir-rigward tgħid li mkien ma jirriżulta li s-soċjetà appellanta osservat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 69A (2) tal-Kap. 387 meta ressqet ir-rikors tal-appell tagħha. L-artikolu 69A (2) jipprovdi illi:

> "(2) Jistgħu jinbdew proċedimenti kontra deċiżjoni arbitrali mogħtija taħt it-Taqsima IV quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors jew –
>
> (a) b'talba li d-deċiżjoni titwarrab skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70, jew
> (b) b'appell fuq punt ta' liġi skont l-artikolu 70A ħlief fil-każ ta' arbitraġġi mandatorji, jew
> (c) b'appell kemm fuq fatti kemm fuq punt ta' liġi skont l-artikolu 70Ċ."

Jidher ċar li f'dan il-każ l-appell ma sarx abbażi ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 tal-Kap. 387, u għalhekk il-Qorti mhix sejra telabora dwar jekk is-subinċiż (2)(a) tal-artikolu 69A huwiex sodisfatt, għaliex jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-appell mhux imsejjes fuq xi waħda mir-raġunijiet elenkati f'dak l-artikolu tal-liġi. Lanqas ma jista' jitqies li dan l-appell jaqa' taħt l-artikolu 70Ċ tal-

Kap. 387, stante li hawnhekk *non si tratta* ta' arbitraġġ mandatorju, iżda ta' arbitraġġ li ftiehmu u qablu dwaru l-partijiet bħala mod kif jirrisolvu kwalsiasi tilwima li tista' temani mill-kuntratt iffirmat bejniethom. Jifdal għalhekk li l-Qorti tistħarreġ jekk dan l-appell jaqax taħt is-subinċiż (2)(b) tal-artikolu 69A tal-Kap. 387, li jistipula li appell minn lodo arbitrali jista' jsir biss fuq punt ta' liġi skont l-artikolu 70A tal-Kap. 387. Ħarsa lejn l-artikolu 70A tal-Kap. 387 turi li mhux kull punt ta' liġi huwa appellabbli, imma din il-Qorti tal-Appell, qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, għandha tara li r-rekwiżiti msemmija fis-subinċiż (3) tal-artikolu 70A ġew sodisfatti:

> "70Ċ. (3) Il-Qorti tal-Appell għandha tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta –
>
> (a) li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;
> (b) li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;
> (c) li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-Tribunal dwar il-punt ta' liġi hija *prima facie* miftuħa għal dubju serju; u
> (d) li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju,
>
> u fil-każijiet l-oħra kollha l-Qorti għandha tiċħad l-appell."

22. F'dan il-każ is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata għaliex it-Tribunal iddeċieda li hija tiġi kkumpensata għaż-żieda fl-ispejjeż inkorsi minnha fil-perijodu bejn Settembru 2012 u Settembru 2014, u għaliex fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal għamel riferiment għad-Dokument immarkat MP19 u MP20, u qal li dan id-dokument isejjes il-bażi tal-pretensjoni tagħha, meta fil-verità dawn id-dokumenti kienu esebiti minn xhieda prodotti

mill-appellata u mhux mill-appellanta, u ntużaw mill-appellata sabiex ixejnu l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta. Il-Qorti kkonsidrat li minkejja li oriġinarjament il-kuntratt bejn il-partijiet kien iffirmat f'Settembru tal-2010, jiġifieri diversi xhur wara li saret l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett bdew biss f'Settembru tal-2012, u dan minkejja li l-ħsieb oriġinali kien li sa Diċembru tal-2010 il-proġett ikun tlesta. Is-soċjetà appellanta fetħet dawn il-proċeduri wara li spjegat li bejn id-data meta saret l-aġġudikazzjoni tas-sejħa, u d-data meta hija bdiet ix-xogħlijiet u eventwalment lestiet dan il-proġett, żdiedu l-prezzijiet ta' diversi materjali li kellhom jintużaw minnha. L-appellanta spjegat ukoll li x-xogħol fuq dan il-proġett ħa ferm aktar żmien milli kien prevvist u dan id-dewmien bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit lilha. L-appellata laqgħet għal dan billi qalet li minkejja li minn qabel li nbdew ix-xogħlijiet, deher ċar li l-proġett la kien ser jibda u lanqas ma kien ser jitlesta fiż-żmien oriġinarjament maħsub u miftiehem bejn il-partijiet, is-soċjetà appellanta fl-ebda waqt ma talbet li tinħall minn dan il-proġett u ffirmat il-*corrigendum* f'Lulju tal-2011 mingħajr ebda riserva għal xi spejjeż addizzjonali li kienet qiegħda tinkorri minħabba d-dewmien.

23. Il-Qorti tqis li dawn huma kollha punti ta' fatt, u li l-ebda deċiżjoni dwar l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta ma tista' tittieħed mingħajr eżami mill-ġdid tal-provi u tal-fatti kif ġraw. Applikazzjoni stretta ta' dak li jipprovdi l-artikolu 70A (3) tal-Kap. 387, tfisser li dan huwa eżerċizzju li m'għandux isir minn din il-Qorti, u dan meta in sostenn tal-aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta kontinwament tagħmel riferiment għall-fatti li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u mhux għal dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom hi qiegħda ssejjes l-appell tagħha.

Is-soċjetà appellanta ressqet lanjanza wkoll dwar il-mod kif it-Tribunal għamel riferiment għal dokumentazzjoni u provi miġjuba mill-appellati bħallikieku dawk il-provi u dik id-dokumentazzjoni għandhom jitqiesu bħala l-bażi tal-pretensjonijiet tagħha. Hawn ukoll il-Qorti tara li dak li qiegħda tintalab tagħmel huwa li tevalwa l-fatti mill-ġdid, u dan meta s-soċjetà appellanta mkien ma indikat liema huwa l-punt ta' liġi li hija tħossha aggravata minnu, u lanqas ma esprimiet il-ħsieb tagħha dwar liema hija l-interpretazzjoni korretta li għandu jingħata dan il-punt ta' liġi. L-artikolu 70B tal-Kap. 387, jagħmilha ċara li l-appell għandu jispeċifika liema huwa l-punt ta' liġi li fuqu għandha tingħata d-deċiżjoni, u liema hija t-tifsira korretta li skont l-appellant għandu jingħata lill-punt ta' liġi identifikat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta bl-ebda mod ma jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 69 (2) u tal-artikolu 70Ċ (3) tal-liġi speċjali, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jitqies li huwa null. Li kieku l-Qorti kellha taċċetta aggravju fuq punti ta' fatt, tkun qiegħda teżorbita mill-kompetenza tagħha, u tkun qiegħda timmina r-*raison d'être* tal-proċeduri arbitrali bħala mezz alternattiv għar-risolviment ta' tilwim, għaliex tkun qiegħda tippermetti dewmien mhux meħtieġ fi proċeduri li ħafna minhom ikunu ta' xejra kummerċjali, fejn l-ispeditezza hija l-aktar fattur importanti.

24. Jifdal għalhekk li l-Qorti tistħarreġ jekk it-tieni aggravju ċċitat mis-soċjetà appellanta huwiex dwar punt ta' liġi. Fil-fatt dan l-aggravju huwa dwar il-kwistjoni tal-ispejjeż, għaliex it-Tribunal iddeċieda li l-ispejjeż għandhom jitħallsu provviżorjament mis-soċjetà appellanta, sakemm jiġi determinat il-*quantum* tal-kumpens li għandu jitħallas lilha. Il-Qorti, minkejja li s-soċjetà appellanta ma tiċċitax l-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħda ssejjes dan l-

aggravju tagħha, fehmet li dan l-aggravju ġie sollevat in linea mal-massima li l-parti telliefa għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. Ladarba ġie stabbilit li s-soċjetà appellanta għandha jedd għal kumpens minħabba ż-żieda fl-ispejjeż li sofriet, hija ppretendiet li t-Tribunal kellu jiddikjara li hija l-appellata li għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, anki jekk b'mod provviżorju. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa ammissibbli bħala aggravju fuq punt ta' liġi, u għalhekk sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwaru.

25. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ it-Tribunal kellu raġun jiddeċiedi li s-soċjetà appellanta għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż b'mod provviżorju, u dan għaliex il-*quantum* tal-kumpens għad irid jiġi determinat. Is-soċjetà appellanta kienet ċara fil-pretensjonijiet tagħha, u speċifikat sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri li l-pretensjoni tagħha kienet għal kumpens li jeċċedi t-tliet mitt elf Euro. L-appellata qalet li din il-pretensjoni hija waħda esaġerata. L-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet provi oġġettivi dwar kemm kienu d-danni attwalment sofferti mis-soċjetà appellanta, u ċertament li għad irid isir eżerċizzju dwar id-danni realment sofferti kemm huma. Iżda f'dan l-istadju, la t-Tribunal u lanqas din il-Qorti mhuma f'qagħda li jgħidu jekk il-kumpens li attwalment ser jiġi likwidat favur is-soċjetà appellanta hux viċin tal-pretensjoni tagħha, jew inkella hux ferm inqas minn hekk. Huwa għalhekk li t-Tribunal, fl-ispirtu tal-mod kif għandhom jitmexxew il-proċeduri arbitrali b'differenza mill-mod kif jitmexxew il-proċeduri quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, iddeċieda li għandha tkun is-soċjetà appellanta li għandha provviżorjament tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri, sakemm jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jiġi likwidat favur tagħha

kemm hu. Il-Qorti taqbel ma’ din il-linja ta’ ħsieb u għalhekk mhijiex qiegħda takkolji dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiddikjara li l-ewwel aggravju sollevat minnha hu null stante li ma sarx fuq punt ta’ liġi, filwaqt li qiegħda tiċħad it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta.**

**Spejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta’ dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**